MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 7/2011

**Anthony Calleja**

**vs**

**Ventur Motor Centre Co. Ltd.**

Il-Qorti

**Rat** li fl-14 ta’ Settembru, 2011 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 t’April, 2010 fejn ir-rikorrent talab danni ta’ erba’ mija u sittin ewro (€460) rapprezentanti sistema ta’ DVD, CD radio u television likellu jkun installat mal-karozza u li ma kienx qed jahdem.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, izda attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema’ x-xhieda tas-socjeta’ intimata li huwa rapprezentant tas-socjeta’ intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrent issototmetta bil-miktub illi huwa xtara karozza minghand id-ditta intimata bil-kundizzjoni illi jkollu nstallat fiha sistema ta’ DVD, CD radio u television liema sistema ma kienet tahdem xejn u ghalhekk qed jitlob dawn id-danni.

Is-socjeta’ intimata ssottomettiet illi hija offriet li tinstallhom pero’ kien infurmat li meta tigi karozza ma tkunx tahdem hekk ghax trid tigi irrangata.

It-Tribunal jinnota illi:-

It-Tribunal jinnota li hemm zewg verzjonijiet, pero’ qieghed jemmen aktar lir-rikorrent fuq il-ftehim li kellhom stante li vettura bhal din meta tigi importata ma jkolliex is-sistema tahdem.

It-Tribunal jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, u jordna lis-socjeta' intimate thallas l-ammont ta' tlet mitt ewro (€300), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata."

**Rat** li s-socjeta' konvenuta hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors ta' appell tasocjeta appellanti Ventur Motor Centre Co. Ltd. fejn gie premess:-

Illi permezz ta' decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsmatur Avviz Numru CCT 168/10-F it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent appellat in parte, u ordna lis-socjeta' appellanti thallas l-ammont ta' tliet mitt Euro (€300) lill-istess appellat, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' appellanti.

Illi s-socjeta' appellanti thossha aggravata b'din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghda tinterponi dan l-umli appell ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi fis-semplicita` taghhom il-fatti huma s-segwenti:-

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi m'hemmx traskrizzjonijiet tax-xiehda mehuda quddiem l-ewwel Tribunal, liema xiehda kienu bazikament tnejn, dik ta' l-appellat u dik ta' rapprezentant tas-socjeta' appellanti.

Illi s-socjeta' appellanti sejra ghalhekk tirrisottometti l-fatti:

Illi s-socjeta' appellanti bighhet lill-appellat karozza uzata li kienet bla radio jew xi forma ohra ta' apparat li minn fuqu tinstema' l-muzika f'vettura.

Illi s-socjeta' appellanti fil-fatt weghdet lill-appellant illi kiener ser tinstallalu radio CD, kif fil-fatt ghamlet, u dan bhala parti mill-kundizzjonijiet tal-bejgh. Il-klijent gie moghti ghazla: u cioe' jew li jiehu radio gdid, jew inkella jaghzel radio minn karozza ohra u jigi installat fuq il-karozza tieghu. Fil-fatt l-appellat ghazel radio uzat minn karozza uzata ohra li kellu s-CD, izda nzerta wkoll kellu sistema ta' GPS bil-mappi tal-Gappun.

Illi l-appellat kien sodisfatt b'dan l-arrangament tant illi mar ghand is-socjeta' appellanti ghal xi drabi wara l-bejgh biex jiehu pariri dwar iz-zejt u hwejjeg ohra, u kull darba inqeda. Tant hu hekk, illi kien

sahansitra stqarr ma' rapprezentant tas-socjeta' appellanti, Clinton Grima, illi kien anke baghtilhom klijent iehor. Sahansitra kien talab illi tinbidillu l-battery tal-karozza wara xi erba' xhur mill-bejgh, u s-socjeta' intimata bidlitielu minghajr ma kellha ebda obbligu li taghmel dan.

Illi wara diversi xhur ohra, l-appellat rega' mar ghand is-socjeta' appellanti, isostni illi r-radio CD li kellu ma kienx qed jahdem. Id-direttur tas-socjeta' appellanti Clinton Grima baghat lill-appellat ghand lavrant, u dan ta' l-ahhar irrapporta lill-istess Direttur li fil-fatt ir-radio CD kien qieghed jahdem, izda l-klijent (l-appellat) ried radio li jkun jista' ihaddem DVD u video. L-istess Direttur ikkonfronta lill-appellat b'dan il-fatt u dan ta' l-ahhar wiegbu illi jaf li kien jahdem, izda kien hemm habib tieghu kien xtara karozza minghand l-istess socjeta' appellanti illi kellha radio bid-DVD. L-istess Clinton Grima f'dan il-punt wiegeb lill-appellat illi dak ma kienx il-ftehim ta' meta sar il-bejgh, u l-istess appellat kien qed jitlob affarijiet li jmorru oltre dak li gie mibjugh.

Illi ftit wara, l-istess appellat rega' mar ghand is-socjeta' intimata, din id-darba ma' siehbu (illi ma xehedx f'dawn il-proceduri), fejn informa lill-istess Clinton Grima direttur tas-socjeta' appellanti illi jekk ma kienx ha jtihom radio bid-DVD kienu 'ha jmorru ghand tal-konsumatur'.

Illi dan kollu wassal ghall-kawza odjerna, u nghatat sentenza fl-14 ta' Settembru 2011.

ILLI l-esponent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni, u permezz tal-prezenti qieghed jinterponi umili appell minn din is-sentenza ta' l-14 ta' Settembru 2011.

ILLI l-aggravju huwa car u manifest u fis-semplicità tieghu jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jibda biex jinghad illi s-sentenza tat-Tribunal fiha nfisha ma fiha l-ebda motivazzjoni vera u propja. Kull ma ddikjara t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tieghu kien biss illi kien hemm 'zewg verzjonijiet, pero' qieghed jemmen aktar lir-rikorrenti fuq il-ftehim li kellhom stante li vettura bhal din meta tigi importata ma jkollhiex is-sistema tahdem'.

Illi wiehed mill-principji ta' gustizzja naturali huwa propju l-principju 'audi alteram partem'; illi l-qorti jew tribunal trid tisma' lill-partijiet kollha u turi li semghathom. Bhala rizultat ta' dan il-principju, il-gustizzja trid mhux biss issir, izda tidher li qed issir. Ghandu jinghad bir-rispett kollu illi t-Tribunal kellu minimament jidhol daqxejn iktar fil-fond tal-kwistjoni u jissostanzja d-decizjoni tieghu u r-raguni ghaliex ta iktar kredibilita' lill-appellat u mhux lis-socjeta' appellanti. U dan ghaliex li kieku dahal verament u analizza z-zewg verzjonijiet tal-partijiet, kellu jasal ghall-konkluzjoni li ma seta' qatt ikun illi l-ftehim tal-bejgh kien propju dak li kien qed isostni l-appellat. U dan propju ghaliex talab is-sistema ta' Radio DVD diversi xhur wara illi sar il-bejgh. Li kieku verament din kienet wahda mill-

kundizzjonijiet tal-bejgh, dan kien imur jilmenta ghand is-socjeta' appellanti minnufih u mhux jistenna x-xhur.  Dan apparti illi fejn it-Tribunal fis-sentenza tieghu jirrapporta dak li ntqal mis-socjeta' appellanti, is-sentenza ma taghmel l-ebda sens, u f'dan ir-rigward ghandu jittiehed qies akbar tal-fatti kif elenkati hawn fuq.

Illi hawnhekk ghandu jinghad illi in konformita' mal-principju *pacta sunt servanda*, il-partijiet ftehmu fuq oggett, u kien dak l-oggett li nbiegh: cioe' l-karozza b'radio CD, u mhux karozza b'radio DVD kif qed jallega l-appellat.

Illi meta wiehed jara s-sentenza u l-mod kif giet milqugha t-talba ta' l-appellat, wiehed jirrealizza illi t-Tribunal lanqas ma hass li kellu jilqa' t-talba ta' l-appellat fit-totalita' taghha.  Infatti l-ammont mitlub tnaqqas b'mija u sittin Euro, ghal darb'ohra bla ebda motivazzjoni; wiehed jista' biss jipprezumi illi dan kien ghalliex l-appellat ma twemminx f'kollox.

Illi fuq kollox Tribunal bhal dan li qed isir l-appell minnu ma ghandux jigi uzat b'mod abbuziv, ghax dan fih innifsu jikser il-principji ta' ordni pubbliku li fuqhom huwa mwaqqaf l-istess Tribunal.  Il-proceduri mibdija mill-appellat, meta wiehed iqis il-verzjonijiet taz-zewg nahat, kienu abbuzivi mill-bidu sa l-ahhar.

Illi ghalhekk is-socjeta' appellanti tissottometti illi sabiex setghet issir gustizzja maghha kellha tittiehed aktar in konsiderazzjoni l-verzjoni taghha, u mhux jinsiltu zewg kelmiet minnha (li tra l'altro nsiltu b'mod li ma jinftiehemx) u a bazi taghhom tinghata sentenza.  Kien facli illi t-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-appellat billi jghid li jemmen aktar lill-istess appellat.  Imma propju it-Tribunal ma qalx b'mod konvincenti ghaliex kien qed jemmen aktar lill-appellat u mhux lis-socjeta' appellanti.  Sentenza facli u ta' zewg linji mhux necessarjament tfisser sentenza gusta.  Dan kollu qed jinghad b'osservazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali, f'dan il-kaz l-'audi alteram partem'.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' appellanti qed titlob illi din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza suddetta u dana billi tichad it-talbiet ta' l-appellat u tilqa' s-sottomissjonijiet tas-socjeta' appellanti.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-attur appellat Anthony Calleja fejn gie sottomess:-

Illi s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma u l-appell interpost mis-socjeta' konvenuta appellant huwa wiehed frivolu u vessatorju u ghandu jigi respint bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Illi l-appell interpost mis-socjeta' konvenuta appellanti huwa msejjes fuq l-allegazzjoni illi gie miksur il-principju tal-*audi alteram partem* u minhabba f'hekk is-socjeta' konvenuta appellanti giet ippregudikata. L-appellanti ttenni li dak li qal l-attur fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur ma kienx minnu izda t-Tribunal iddecieda li jemmen il-verzjoni moghtija mill-appellant u mhux dik moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta appellanti.

Illi, in rigward tal-ewwel aggravju, is-socjeta' konvenuta appellanti tilmenta mill-fatt illi s-sentenza moghtija mit-Tribunal hija wahda pjuttost qasira u ttenni illi *"sentenza facli u ta' zewg linji mhux necessarjament tfisser sentenza gusta".* Naturalment bl-istess kejl lanqas ma jfisser illi sentenza 'qasira' necessarjament tkun wahda ingusta, jew li sentenza 'twila' necessarjament tkun wahda gusta. Fl-ahhar mill-ahhar, indipendentement mit-'tul' o meno tas-sentenza, il-motivazzjoni moghtija mit-Tribunal fis-sentenza tieghu hija cara fis-sens illi t-Tribunal sema' l-verzjoni taz-zewg nahat (inkluz tar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta appellanti minkejja li din naqset milli tipprezenta risposta, u allura wiehed ma jistax jifherm fejn huwa l-ksur lamentat tal-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*) u sabet illi l-verzjoni moghtija mill-attur appellat kienet izjed kredibbli minn dik moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta appellanti.

Illi huwa principju bazilari f'dawn l-appelli minn decizjonijiet tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur illi appell jista' jsir biss meta t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi jkun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella u ghall-ebda raguni ohra.

Illi f'dan ir-rigward l-appellat jaghmel riferenza ghall-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti fosthom is-sentenza fl-ismijiet "Esther Pace et –vs- Aplan Ltd.' (Appell Civili Nru. 2/2005PS) deciza fid-9 ta' Novembru, 2005 li fiha din l-Onorabbli Qorti kienet enuncjat kif gej -:

Fl-appelli devoluti lil din il-Qorti minn decizjonijiet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, is-sindikar ta' din il-Qorti hu strettament limitat ghall-ezami dwar jekk it-Tribunal marx *"kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella"* [Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994];

Jinsab enuncjat in meritu ghal dan id-dispost tal-ligi illi "l-Qorti tikkonsidra illi biex ikun jista' jsir appell taht dan il-kapirid jirrizulta bhala fatt li t-Tribunal ikun mar kontra ddettamita' imparzjalita` u ta' ekwita` skond il-ligi, u dana b'mod gravi. Mhux kull infrazzjoni ta' din ix-xorta allura tiggustifika appell lil din il-Qorti. Mhux biss. Anke fejn tali infrazzjoni tkun gravi, irid jigi provat li dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Pregudizzju li jrid ikun reali u materjali ghax hu marbut mal-jeddijiet ta' l-appellant u ma' xejn aktar" - "**Carmen Borg (Abela) -vs- Ronald A. Cachia (Phoenicia Laundry and Dry Cleaning**". Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

Gie ulterjorment spjegat illi "una volta ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali fis-smiegh tal-kawza -pregudizzju dan li minn natura tieghu kellu jkun wiehed procedurali u mhux sostanzjali - ma kienx il-kaz li din il-Qorti tiddiskuti dwar il-gravita tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti eskluz" **- "Charles Sultana *et* -vs- A. C. K. Ltd**", Appell, 27 ta' Ottubru 2000".

Illi applikati dawn il-principji fundamentali ghall-kaz odjern, id-domanda li temergi naturali hija din – minn fejn jista' qatt jirrizulta sostanzjat l-ilment illi s-socjeta' konvenuta appellant tista' taghmel sabiex issostni l-appell taghha skond il-ligi illi t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali li dik l-azzjoni ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet taghha ? Assolutament minn imkien ghaliex kif inhu anke spjegat u ammess fl-istess rikors tal-appell it-Tribunal sema' liz-zewg nahat – inkluz ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-appellanti minkejja li din kienet naqset li tipprezenta Risposta !! – u t-Tribunal mill-assjem tal-provi li sema' sab li l-verzjoni moghtija mill-esponent kienet izjed kredibbli u ghalhekk sab favur l-esponent. Fejn huwa l-ksur tal-principju naturali tal-*audi alteram partem* li minnu qed tilmenta s-socjeta' konvenuta appellanti f'dan il-kaz ? Ghalhekk qed jigi mtenni illi dan l-appell mhux biss huwa assolutament infondat fil-fatt u fid-dritt izda huwa wiehed frivolu u vessatorju u ghandu jigi sommarjament respint.

Ghalhekk l-appellat qed jitlob li l-appell jigi michud bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta appellanti.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kompilati quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur, l-ewel Qorti.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur li nghatat fl-14 ta' Settembru 2011 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Dawn il-proceduri nbdew mill-appellat Anthony Calleja li ppresenta avviz quddiem it-Tribunal fejn talab li

s-socjeta’ appellanti tigi kkundannata thallsu danni ammontanti ghal erba’ mija u sittin euro (€460) cioe’ l-prezz ta’ DVD/CD radio u television li kellu jkun installat f’karozza, li l-appellat kien akkwista minnghand is-socjeta’ appellant u liiema apparat ma kienx qed jiffunzjona. Is-socjeta’ appellanti ma ippresentatx risposta bil-miktub fil-proceduri quddiem it-Tribunal, izda rappresentant taghha kien presenti ghas-seduta li zamm it-Tribunal u f’liema seduta xehed ukoll l-istess rappresentant.

It-Tribunal iddecieda din il-vertenza permezz tas-sentenza li qed tigi appellata, u fejn gie deciz billi giet milqughha t-talba tal-appellat in parte u s-socjeta’ appellanti giet kkundannata thallas lill-appellat is-somma ta’ tliet mitt euro (€300). Is-socjeta’ appellanti giet ukoll ikkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri quddiem it-Tribunal.

L-aggravju tas-socjeta’ appellanti, bazikament, hu wiehed u cioe’ li l-proceduri quddiem it-Tribunal ma sarux jew ma gewx kondotti skond kif trid il-Ligi u skond id-dettami tal-gustizzja naturali. L-appellanti jilmentaw li s-sentenza mhux ben motivata u inoltre jissottomettu li l-unika motivazzjoni li ta’ t-Tribunal hi li l-partijiet taw zewg verzjonijiet konflingenti pero’ t-Tribunal ghazel li jemmen u qaghad fuq il-versjoni tal-appellat. Fil-kaz li l-appellanti jippretendu li t-Tribunal b’xi mod mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali, allura fl-istess kaz jista jsir appell mis-sentenza tat-Tribunal. Appuntu l-appellanti jilmentaw li t-Tribunal f’dan il-kaz mar kontra l-principju tal-“audi alteram parte,” wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali. Hu principju li ghandu dejjem jigi segwit u cioe’ li min qed jiggudika ghandu jisma’ lil kull parti u ghandu ukoll jaghti l-istess opportunitajiet.

F’dan ir-rigward l-appellanti jsostnu li dan il-principju tal-audi alteram parte jinkludi principju iehor cioe’ li l-gustizzja trid mhux biss issir, izda tidher li qed issir. Din is-sottomissjoni mhux ghal kollox korretta stante li jekk jigi dikjarat li kull parti ghandha tinstema hu differenti milli jigi dikjarat li l-gustizzja trid issir u tidher li qed issir. Dawn huma zewg kuncetti jew principji li huma seperati, differenti u indipendenti minn xulxin.

Fir-rigward tal-principju tal-“audi alteram parte” jirrizulta car li t-Tribunal sema kemm lill-appellat kif ukoll lix-xhud prodott mill-appellanti. Inoltre ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas procedurali fil-konfront tal-appellanti fil-kors tal-proceduri quddiem it-Tribunal. Jidher ukoll li l-partijiet nghataw l-istess opportunitajiet.

L-appellanti jilmenaw li t-Tribunal, fis-sentenza appellata, kellu iktar japprofondixxi l-kwistjoni u b’hekk kienet tigi sostanzjata ahjar ir-raguni ghala l-istess Tribunal wasal ghal-konkluzjoni li l-versjoni tal-appellat kienet aktar kredibbli minn dik tal-appellanti.

Din il-Qorti zgur li m'ghndiex thares biss lejn it-tul tas-sentenza u tieqaf hemm izda d-decizjoni trid tigi ezaminata fl-isfond tan-natura tal-azzjoni kif ukoll tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz. Hawnhekk trid issir referenza ghall-provedimenti tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta li appuntu hu l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Skond dawn il-provedimenti t-Tribunal ghandu jiddeciedi t-talbiet u l-kwestjonijiet li jkollu quddiemu "skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita'." Dan hu kif jipprovdi l-artikolu 21(1). Kif gia rilevat, skond l-artikolu 22(2)(c) jista isir appell meta t-tribunal, fid-decizjoni tieghu, ma osservax il-principji tal-gustizzja naturali u l-appellant ikun sofra pregudizzju.

Umbghad l-artikolu 23(1) jipprovdi li l-arbitru li jkun qed jippresjedi t-tribunal ghandu jirregola l-procediment bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq sabiex titwettaq il-gustizzja naturali. Hu ukoll rilevanti ghall-kaz presenti l-artikolu 23(2)(d), li jipprovdi li l-arbitru m'ghandux jimmotiva d-decizjonijiet tieghu b'konsiderazzjonijiet twal izda hu bizzejjed li jirrileva l-bazi li fuqa jkun iddecieda l-varji kwestjonijiet.

Fil-kaz in ezami, fid-dawl tal-ahhar imsemmi provediment it-Tribunal ma dahalx f'konsiderazzjonijiet twal izda afferma li fid-dawl ta' zewg versjonijiet konflingenti, sab li dik offerta mill-appellat kienet izjed kredibbli. Dan jissodisfa l-provediment in kwestjoni. Il-motivazzjoni li ta' t-Tribunal tissodisfa ukoll id-dettami tal-gustizzja naturali li jinkludi li d-decizjoni trid tkun motivata. Hawnhekk l-arbitru llimita ruhhu li semplicement irrileva s-sisien li fuqhom wasal ghal konkluzjonijiet tieghu. U ukoll rilevanti li jigi senjalat l-imsenmi artikolu li jipprovdi li l-arbitru ghandu jiddeciedi l-kwestjonijiet skond il-ligi u skond l-ekwita'.

Dwar il-kwestjoni tal-ekwita' tista ssir referenza ghal legislazzjoni li waqfet it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta) li ukoll jipprovdu li l-gudikant jista jiddeciedi "skond l-ekwita'." L-ahhar imsemmi Tribunal fis-sentenza tieghu tad-19 ta' Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qorti tal-Gustizzja" wara li esamina fid-dettal, fost affarijiet ohra, l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li it-Tribunal ghat-Talbier Zghar ghandu jiddeciedi "principalment skond l-ekwita'" u varji sentenzi u awturi li ttrattaw il-kuncett tal-ekwita' wasal ghall-konkluzjoni li "l-ekwita' ghandha ssegwi l-ligi u ghandha ukoll pero' l-funzjoni specjali li tissupplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni u b'mod li ssir gustizzja ma dak li jkun." Mhux facli li wiehed japplika l-principju tal-ekwita' fil-prattika, pero' hu importanti li jigi dejjem konsidrat li l-ghan ahhari tal-applikazzjoni ta' dan il-principju hu li ssir il-gustizzja ma xi parti jew ohra.  Barra min dan hu evidenti li l-ligi li tirregola it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur trid li l-kawzi quddiem l-istess Tribunal ghandhom jigu decizi bl-ispeditezza li hi konsoma man-natura tal-kawzi u mal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn natura stess tal-kawzi, quddiem it-Tribunal, il-kwestjonijiet ghandhom jinqatghu malajr minhabba ukoll ragunijiet tal-kummerc, etici u ekonomici. Ghalhekk wara li l-procediment isir bi speditezza, d-decizjoni ghandha ukoll tinghata bi speditezza u d-decizjoni m'ghandix tkun elaborata jew komplikata sabiex tkun tista tinftiehem facilment. Id-decizjoni trid tkun bazata fil-logika u tkun motivata pero' minnhajr il-bzonn li jinghataw dettalji zejda. Ghalhekk il-motivazzjonijiet possibilment ghandhom ikunu cari pero' koncisi.

Fil-kaz presenti ghalhekk, it-Tribunal seta facilment jasal ghall-konkluzjoni li wahda mill-versjonijiet kienet akktar kredibbli u verosimili mill-ohra. L-appellanti jsostnu li kieku t-Tribunal analizza z-zewg verzjonijiet huwa kellu jasal ghall-konkluzjoni li ma seta' qatt ikun illi l-ftehim tal-bejgh kien propju dak li kien qed isostni l-appellat. Din is-sottomissjoni tal-appellanti hi gratuwita u ma tista qatt tigi akkolta. Inoltre tali sottomissjoni hi essenzjalment kwestjoni ta' fatt u t-Tribunal biex wasal ghal konkluzjoni tieghu necessarjament ghamel evalwazzjoni tal-provi u tad-deposizzjonijiet li sema'. Finalment, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, d-decizjoni li wasal ghaliha t-Tribunal hi ekwa u gusta.

Muhiex il-kompitu ta din il-Qorti li tidhol f'kwestjonijiet ta' fatt, meta tali kwestjonijiet gew korrettement decizi mit-Tribunal. Hu ukoll legittimu li t-Tribunal illikwida somma anqas minn dik mitluba stante li probabilment hass li fic-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz l-appellanti kellhom propju jhallsu lill-appell l-ammont li gie likwidat. In effett jidher li l-appellat mhux qed jilmenta mill-ammont li gie likwidat favur tieghu ,stante li ma interponix appell mis-sentenza. Hu ukoll gratuwitu li l-appellanti jikkonkludu li l-ammont mitlub gie ridott ghalliex l-appellat ma twemminx f'kollox.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-aggravju tal-appellanti jimmerita li jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta' appellanti Ventur Motor Centre Co. Limited u b'hekk tikkonferma in toto s-sentenza appellata cioe' d-decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur tal-14 ta' Settembru 2011.

L-ispejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu mis-socjeta' apellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------